L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| DATA: | L-1 ta' Settembru 2022 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb **GĦAXAR** mistoqsijiet li trid minn Taqsima A u **TLIETA** li trid minn Taqsima B.
Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.

**TAQSIMA A**
**Agħżel GĦAXAR mistoqsijiet u weġibhom fil-qosor. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. It-Testment il-Ġdid hu importanti għall-Insara. Spjega.
2. L-Insara kif għandhom jirrispettaw il-qdusija tal-Isem ta' Alla?
3. X'nifhmu bil-kelma 'eżorċiżmu'?
4. Liema hu l-misteru ewlieni tal-fidi Nisranija?
5. X'inhu l-Purgatorju?
6. Xi dmirijiet għandhom il-ħaddiema?
7. Persuna tista' tkun responsabbli għad-dnub tal-oħrajn. Spjega.
8. Xi trattament għandu jingħata lil dawk li waslu biex imutu?
9. X'tifsira għandha d-difna Nisranija?
10. Min jista' jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda?
11. X'nifhmu bil-kelma 'transustanzjazzjoni'?
12. Il-fidi hi att tal-bniedem. Spjega.
13. X'nifhmu bil-frażi 'ġid komuni'?
14. Kemm hemm gradi fis-Sagrament ta' l-Ordni? Semmi **kull** grad.
15. Il-bniedem hu maħluq fuq "ix-xbieha ta' Alla". Spjega.

**(Total: 40 marka)**

**TAQSIMA B**
**Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1. It-talb tal-Insara jieħu **ĦAMES** forom. Semmi u spjega **kull waħda** minn dawn il-forom.

**(Total: 20 marka)**

2. Is-sagramenti huma sinjali effikaċi tal-grazzja ta' Alla.
   a. X'nifhmu meta ngħidu 'grazzja'? (6)
   b. Semmi u fisser **ŻEWĠ** tipi ta' grazzja. (6)
   ċ. Spjega **ERBA'** simboli li jintużaw fis-sagramenti. (8)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

3. a. Għaliex hu importanti li nitolbu mal-oħrajn? (6)
   b. Semmi **ERBA’** modi ta’ talb komunitarju. (4)
   ċ. Il-Liturġija tas-Sigħat hi t-talba uffiċċjali tal-Knisja. Kif żviluppat u x’inhu l-iskop tagħha? (4)
   d. Spjega x’kien ifisser it-“tabernaklu” fit-Testment il-Qadim, u x’ifisser llum. (6)

**(Total: 20 marka)**

4. Fit-talba tal-Missierna nitolbu “ikun li trid int” u “la ddaħħalniex fit-tiġrib”.
   a. Semmi **ERBA’** modi kif nistgħu nagħmlu r-rieda tal-Missier skont it-tagħlim ta’ Ġesù? (8)
   b. X’nifhmu bil-kelma ‘tiġrib’ fit-talba tal-Missierna? (3)
   ċ. Kif nistgħu nagħrfu dan it-tiġrib biex naħarbuh? (3)
   d. Semmi **ŻEWĠ** episodji mill-Bibbja fejn naraw dnub iwassal għal dnub ieħor. (6)

**(Total: 20 marka)**

5. a. X’nifhmu meta ngħidu li Ġesù Kristu hu “veru Alla u veru bniedem”? (4)
   b. Spjega dawn it-titli ta’ Ġesù mill-Bibbja: (i) Ġesù; (ii) Kristu; (iii) Mulej; (iv) Iben Alla. (8)
   ċ. Semmi **ŻEWĠ** kelmiet jew sentenzi ta’ Ġesù mill-Vanġelu, u fisser it-tifsira tagħhom. (8)

**(Total: 20 marka)**

6. Iddiskuti l-Ħames Kmandament b’rabta ma’ dawn li ġejjin:
   a. il-kura tas-saħħa tal-persuna nnifisha (self-care); (5)
   b. l-ewtanasja; (5)
   ċ. is-suwiċidju; (5)
   d. l-awto-difiża leġittima. (5)

**(Total: 20 marka)**

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**INTERMEDIATE MATRICULATION LEVEL**
**2022 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| DATE: | 1st September 2022 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

Answer any **TEN** questions from Section A and any **THREE** from Section B.
Section A carries 40% of the total mark and Section B carries 60%.

**SECTION A**
**Choose TEN questions and answer them briefly. Every question carries 4 marks.**

1. The New Testament is important to Christians. Explain.
2. How should Christians respect the holiness of God's Name?
3. What is meant by the term 'exorcism'?
4. Which is the principal mystery of the Christian faith?
5. What is Purgatory?
6. What are the duties of workers?
7. A person can be responsible for the sins committed by others. Explain.
8. What care must be given to the dying?
9. What is the significance of the Christian burial?
10. Who can administer the Sacrament of the Anointing of the Sick?
11. What is meant by 'transubstantiation'?
12. Faith is a human act. Explain.
13. What is meant by the term 'common good'?
14. How many degrees are there in the Sacrament of Holy Orders? Name **each** degree.
15. The human person is created in the "image and likeness of God". Explain.

**(Total: 40 marks)**

**SECTION B**
**Choose THREE questions and answer them in detail. Every question carries 20 marks.**

1. There are **FIVE** forms of Christian prayer. Name and explain **each** form.

**(Total: 20 marks)**

2. The sacraments are efficacious signs of God's grace.
   a. What is meant by 'grace'? (6)
   b. Name and explain **TWO** types of grace. (6)
   c. Explain **FOUR** symbols that are used in the sacraments. (8)

**(Total: 20 marks)**

***Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

3. a. Why is it important to pray with others? (6)
   b. Name **FOUR** forms of communal prayer. (4)
   c. The Liturgy of the Hours is the official prayer of the Church. How did it develop and what is its purpose? (4)
   d. Explain the meaning of the 'tabernacle' in the Old Testament, and what it means nowadays. (6)

**(Total: 20 marks)**

4. In the Our Father, we pray "thy will be done" and "lead us not into temptation."
   a. Mention **FOUR** ways how we can fulfil God's will according to the teachings of Jesus. (8)
   b. What is meant by the word 'temptation' in the Our Father? (3)
   c. How can we recognise this temptation to avoid it? (3)
   d. Mention **TWO** episodes from the Bible where we observe one sin leads way to another. (6)

**(Total: 20 marks)**

5. a. What do we mean when we say that Jesus Christ is "true God and true man"? (4)
   b. Explain the following titles attributed to Jesus from the Bible: (i) Jesus; (ii) Christ; (iii) Lord; (iv) Son of God. (8)
   c. Mention **TWO** words or sentences spoken by Jesus from the Gospel, and explain their meaning. (8)

**(Total: 20 marks)**

6. Discuss the Fifth Commandment in relation to the following:
   a. self-care; (5)
   b. euthanasia; (5)
   c. suicide; (5)
   d. legitimate self-defense. (5)

**(Total: 20 marks)**